MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 857/2000/1

**Raymond Abela**

**Vs**

**Joseph Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur in linea ta' danni dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti ghall-hsara fil-karozza JAL-584 f'kollizzjoni li grat unikament tort tal-konvenut waqt li kien qed isuq vettura numru JAI 428 fi Triq it-Tarzna, Paola fis-17 ta' Frar 2000 prevja d-dikjarazzjoni li l-kollizzjoni grat b'tort unikament tal-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza d-danni ma jeccedux il-Lm500.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 20 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort tal-attur li waqt li kien qed isuq il-vettura numru JAL 584 naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku bir-risultat illi huwa habat fil-vettura numru JAI 428, propjeta tal-eccipjent, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjent, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta’ danni, u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f’dan il-kaz xehdu, biss il-partijiet involuti f’din il-kollizzjoni (ara ukoll dak verbalizat a fol 48 ibid).

Illi l-<u>attur</u> (fol 32 et seq ibid) spjega li hu kien qed isuq il-karozza numru JAL 584 f’Triq laterali ossija Triq it-Tarzna, li taghti ghal dik principali bl-isem ta’ Tarxien. B’referenza ghall-<u>iskizz</u> tal-incident esebit minnu stess a fol 36 tal-atti, hu kien sejjer fid-direzzjoni tal-imsemmija triq principali, u kif wasal vicin il-karozza hemm indikata bhala “parked” fuq ix-xellug tieghu hu saq bil-mod u wasal mal-gemb taghha. “Jiena kont di gja mal-vettura ipparkjata”. F’daqqa wahda giet karozza, ohra numru JAI 428 mill-faccata u mill-istess tirq principali u fi kliemu stess “…. Gie ‘gas down’ ghal fuqi” u saret il-habta. Hu kompla jispjega li l-istess triq laterjali mhux “a senso unico” izda minnha jista jghaddi traffiku fuq iz-zewg nahat u fid-direzzjoni opposta ghal xulxin. Inoltre ma kienx hemm sinjali ta’ “brakes” wara l-vettura l-ohra involuta peress li din waqfet

malli saret il-habta. Ulterjorment "kif smajt it-twerziqa tal-karrozza l-ohra, jiena fil-fatt waqaft …. Forsi forsi tkaxkart tikka lura". Fl-ahharnett skond l-istess attur, il-konvenut kien ammetta li dan l-incident kien tort tieghu, waqt li kien spjega li kien ghamel il-manuvra kif deskritta sabiex jidhol fit-triq laterali, minhabba 'truck' li kien hasdu (ara ukoll dak li stqarr immedjatament wara l-incident, lill-Pulizija, a fol 38 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut jsostni (fol 49 u fol 50 tal-atti) li kif dahal fit-triq laterali, hu kien ra karozza parkeggata fuq il-lemin tieghu. Kif dahal fl-istess triq, hu kien sema hoss ta' 'horn' ta' 'truck'. Inoltre, fi kliemu stess, "…. Jiena ghafast ftit il-'brake" u "… sibt lis-sinjur (l-attur) ma wicci".

Ikkunsdrat

Illi, mill-premess, jidher evidenti li:-

a) l-attur kien qed jissorpassa karozza parkeggata fuq il-lemin tieghu. Minhabba hekk, kellu bilfors, jsuq xi ftit, fuq in-naha l-ohra tat-triq ("on the improper side of the road").

b) Bejn l-entratura ghal Triq it-Tarzna u fejn grat il-habta hemm certa distanza, aktar 24 pied kif hemm verbalizzat a fol 48 tal-atti u li ma gietx kontestata mill-konvenut.

c) Il-konvenut jghid li dar kif dar ghal go t-triq laterjali minhabba t-"truck" mhux identifikat, imsemmi minnu u li kien warajh. Dan jindika li hu, filfatt dahal fit-triq laterali minghajr id-debita attenzjoni u kawtela u b'velocita eccessiv ghall-lokalita in kwistjoni.

d) Jigi notat li mill-iskizz gja msemmi (fol 36 tal-atti) il-karozza tal-konvenut tinsab angolata, xi ftit lejn il-lemin taghha. Dan jindika illi meta dar lejn it-triq laterali u dahal go fiha, il-konvenut ghadda fuq is-sinjal 'stop' u mhux, kif suppost, fuq in-naha proprja tat-triq ossija fuq ix-xellug tal-istess sinjal.

Illi, ghalhekk, fuq naha wahda hemm l-attur li, kostrett li jesegwixxi manuvra ta' sorpass ta' karozza parkeggata, kif hawn fuq deskritta u bid-debita kawtela skond il-ligi u fuq in-naha l-ohra, l-konvenut jidhol fl-istess triq laterali aktarx b'velocita eccessiva u imprudentement.

Illi konsegwentement, ir-responsabilta ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-konvenut, biss. In rigward dan il-Qorti hi tal-fehma, fondata fuq ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz illi, kieku l-konvenut esegwixxa l-manuvra kif deskritta bid-debita kawtela, attenzjoni u kif suppost hu kien jkollu l-opportunita li jwaqqaf l-karozza misjuqa minnu u b'hekk jevita din il-kollissjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-quantum ta' danni, dawn gew kwantifikati mill-istess attur fis-somma ta' Lm402.26,0 (ara fol 41 tal-istess atti) liema quantum ma giex kontestat permezz ta' xi prova da parti tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li dan l-incident gara unikament tort tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm402.26,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm402.26,0 bl-imghax legali mill-24 ta' Mejju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------